26 ta' Ġunju, 1950

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Qorti *versus* Onor. Avv. Dr. Enrico Mizzi, M.L.A., LL.D.

**Disprezz għall-Awtorità tal-Qorti — Publikazzjoni ta' Kummenti Ostili għal xi Persuna li Jkollha Parti f'Kawża Pendenti Quddiem il-Qorti — Appell — Apoloġija — Art. 996 u 1002 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Ir-reat ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti huwa punibili immedjatament meta jsir "in faciem curiae", u mill-kundanna ma hemmx*

*appell; f'każi oħra dak ir-reat jiġi punit per mezz ta' proċedura regolari, u s-sentenza relativa hija appellabili.*

*Il-pubblikazzjoni, waqt li kawża tkun pendenti, ta' kliem jew kommenti ostili għal xi waħda mill-partijiet, jew mix-xhieda, jew għal xi ħadd mill-persuni li jkollhom parti f'dik il-kawża, kompriż il-ġudikant u l-uffiċjali tal-Qorti, jikkostitwixxu att ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti bħala li huwa att li jfixkel l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*L-apoloġija li jagħmel lill-Qorti min jirrendi ruħu ħati ta' dan ir-reat ma tħassarx ir-reat; tista' però tiġi kunsidrata fl-applikazzjoni tal-piena.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-imsemmi Onorevoli Avukat Dr. Enrico Mizzi, M.L.A., wara li istitwixxa l-kawża nru. 603/1947 kontra Emmanuele Cossai bħala awtur ta' l-artikoli f'dik il-kawża msemmija, u Joseph Olivieri Munro bħala editur tal-gazzetta fejn dawk l-artikoli ġew publikati, għad-danni lilu dovuti bħala riparazzjoni ta' l-inġurja u riżarċiment skond s-sezzjoni 31 tal-Liġi ta' l-Istampa, u waqt li dik il-kawża kienet miexja u kien qiegħed jixhed l-imsemmi Cossai, ippublika fil-ġurnal "Patria" tat-18 ta' Frar ta' din is-sena, numru tnejn (ruman) serje numru 137 (II serje numru 137), u tal-25 ta' Frar ta' din is-sena numru tnejn (ruman) serje 138 (II serje 138), żewġ artikoli rispettivament intitolati "Il-kawża tiegħi kontra żewġ kalunnjaturi" u "Konfutazzjoni ta' xhieda", li bihom huwa kkommetta disprezz għall-awtorità tal-Qorti; ordnat li l-imsemmi Onorevoli Dr. Enrico Mizzi, M.L.A., għar-raġunijiet fuq imsemmija, ikun kundannat bħala ħati għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Marzu 1950, illi ddeċediet billi sabet lill-imsemmi Onorevoli Avukat Dr. Enrico Mizzi, M.L.A., ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti, u kkundannatu għall-ammenda ta' ħames liri, u peress li l-kundannat seta' ma jkollux fuqu biex iħallasha dak il-ħin, tagħtu żmien biex iħallasha għoxrin ġurnata; wara dan iż-żmien, jekk ma jkunx ħallasha u ma jkunx interpona appell

**—f'liema każ għandha tieqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 1002 (3) tal-Liġijiet tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15)—ordnatlu jidher quddiem dik il-Qorti fis-seduta tal-14 ta' April 1950, fid-9 a.m., biex l-istess tkun kommutata, minħabba fl-ispjegazzjoni u dikjarazzjoni solenni, magħmula, f'gurnata detenzjoni, skond ma hemm maħsub fl-art. 13. 15 u 16 (1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b'hekk poniet fiui, fir-rispett tal-kundannat, għal-inċident; billi kkunsidrat;**

Illi skond it-titolu XVII tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher li d-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti jista' jsir b'modi diversi, taħt ċirkustanzi varjanti, minn persuna indaħħla f'kawża jew estranea, kif ukoll minn patroċinaturi u uffiċjali oħra, u kontra u għall-indirizz ta' persuni u uffiċjali diversi, jew b'attijiet jew ommissjonijiet oħra mhux speċifikatament innizżla fil-liġi;

In kwantu għar-reat ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti, jitnissel mill-jedd li l-Imħallfin u Maġistrati għandhom li jgagħlu li jinżamm il-bwon ordni u li jipprovdu għall-manteniment ta' l-istess bwon ordni u tad-dekor ġewwa l-edifizzju talqrati li fihom joqogħdu (art. 897), kif ukoll, konġenerikament, in kwantu li ma għandux isir tfixkil lill-attenzjoni tal-Qorti (art. 988), bir-rispettivi pieni varjanti skond l-entità tan-nuqqas, kif maħsub fl-art. 989 u 990, kif ukoll meta d-disprezz isir mill-patroċinaturi jew uffiċjali oħra tal-Qorti kif maħsub fl-artikoli 933 u 944, kif ukoll għall-eċċessi tal-patroċinaturi fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom kif maħsub fl-art. 995 (1). Ir-reat "de quo dicimus" jingħad li sar "in faciem curiae", u għandu jiġi punit immedjatament, bla ma jkun hemm lok ta' appell mis-sentenza (ara art. 1002 (1)) punitiva; mentri in kwantu għall-każi meta l-offiżi jkunu diretti kontra uffiċjali, periti jew uffiċjali oħra tal-Qorti fil-waqt ta' l-eżekuzzjoni ta' mandati, jew waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom, kif maħsub fl-art. 991, salvo li l-offiża ma tkunx tikkostitwixxi reat iżjed gravi li għalih huma maħsuba pieni oħra applikabili mill-Qorti kompetenti, u in kwantu għal kull għamil jew nuqqas mhux imsemmi fuq skond kif maħsub fl-art. 996 għar-reat imsemmi li jkun sar barra mill-preżenza tal-ġudikant u mhux fl-edifiċċju tal-Qorti bħala li huwa attakk għall-awtorità u dinjità ta' l-is-

tess Qrati, li minnhom, bhal ilma ġieri ċar u pur, titnissel il-ġustizzja tant meħtieġa għall-aħjar andament ta' kwalunkwe pajjiż ċivilizzat, il-mezzi biex ikun punit il-vjolatur ma jkunux immedjati, imma per mezz ta' proċedura ta' taħrika regolari, u s-sentenza relativa tkun ġustament soġġetta għall-appell (ara art. 1002 (2)) ; tant għax il-vjolazzjoni ma tkunx minn dawk li ssir quddiem il-ġudikant jew fil-post fejn hu jkun qiegħed jamministra ġustizzja, kemm il-għaliex ir-reazzjoni ġusta għall-offiża ma tkunx, minħabba f'dak li ntqal, tirrikjedi l-immedjatezza tar-repressjoni li tirrikjedi offiża "in faciem curiae", u fl-aħħarnett il-għaliex l-istess offiża tkun tista' tagħti lok għad-diskussjoni valida—liema konsiderazzjonijiet isaħħu u juru l-ispirtu li bih hija armata l-istess ġustizzja għall-aħjar relazzjonijiet u libertajiet tal-konsoċjati;

Illi f'dana li ntqal fuq dwar ir-reat ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti ma ġiex imsemmi dak li fil-kapitolu tal-liġi ċitata jingħad fl-art. 991, meta l-att ta' disprezz ikun jikkostitwixxi offiża kriminali, u dak li huwa maħsub fl-art. 995 (2) dwar il-poteri tal-Qorti ta' l-Appell fil-każi ta' mġieba ħażina minn nies tal-professjoni legali; il-għaliex dawk iż-żewġ każijiet ma jinteressawx il-kawża tal-lum;

Illi, wara li ġiet esposta l-liġi tagħna, jingħad mill-ewwel li l-każ preżenti jaqa' taħt it-tieni klassi ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti;

Illi qabel ma tiġi eżaminata l-vjolazzjoni, huwa tajjeb li jingħad li "in subjecta materia" id-dottrina tabilħaqq taħseb li tikkostitwixxi disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti l-pubblikazzjoni ta' kliem li minnhom jitnissel disprezz lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, jew li jkun preġudikat l-andament ġust u xieraq ("fair") ta' ġudizzju jew kawża, jew kwalunkwe materja jew suġġett li jkun jikkonċerni proċediment ċivili jew kriminali bi kwalunkwe mod, jew inkella b'xi mod il-ġustizzja tiġi mfixkla (ara Odgers, On Libel and Slander, 6th. Edition, paġ. 431, chapter XX);

L-istess Odgers, fl-opra tiegħu aktar reċenti minn dik fuq ċitata—"On the Common Law"—jgħid, wara li qal dak li ntqal fuq :— "It is a contempt of Court to insult the judge, jury or witness, to obstruct any officer of the Court, to abuse the parties to an action or their witnesses before the case is

**heard**, or in any way to **endeavour** to prejudice **the** minds of **the judge**, jury or general public" (ara Vol. I, pag. 220, "Contempt of Court"—Sweet and **Maxwell** Ltd., 1927 Third Edition). U aktar 'l-isfel **fl-istess** opra jkompli jgħid :— "There **cannot be** anything of greater consequence than to keep the **streams of** justice clear and pure, that parties may proceed with safety both to themselves and their characters (Lord Hardwiche L.C. in Roach vs. Garden; Read & Huggonson in re (1742) 2 Ak., at p. 471). But fair criticism on the proceedings of a Court, when once the case referred to is over, can seldom, if ever, be contempt of Court (Mc. Leod vs. St. Antogn (1899) A.C. 549, 561). Minn liema żewġ passi jidher ċar li **sakemm** il-każ ma jkunx għalaq u nstema' kollu, mhux permess għal ħadd taħt l-ebda skuża li joffendi l-**partijiet** (dak li **jinteressana** fil-każ preżenti) u l-persuni l-oħra fuq imsemmija. **Infatti dana** l-ħsieb isib il-bażi tiegħu fir-raġuni **loġika ġuridika** li ħadd ma għandu jċaħħad il-Qorti mis-setgħa li **tagħmel** dak li **huwa** l-fini ta' l-eżistenza tagħha, u ċjoè li **tamministra** d-debita ġustizzja imparzjalment u b'riferenza biss **għall-fattijiet** li jkunu legalment ġew miġjuba quddiemha; il-**għaliex** kieku jiġi **permess** lil min ikun **għamel kawża** li joqgħod, waqt li l-**kawża għadha** miexja u għadha ma nqatgħetx, jivventila l-kwistjoni f'għajnejn il-pubbliku b'ħafna dettalji u bi **kwalifiki** ta' **fattijiet** li jimpurtaw ġudizzji, il-vija tal-Qorti, li huwa jkun **għażel**, jew li quddiemha jkun ġie xi ħadd imressaq biex joffri **difiża**, tkun ġiet imwarrba, u b'dak l-aġir l-istess ġustizzja nvokata tkun ġiet disprezzata, appart l-fatt, mhux anqas importanti wkoll, li dik l-imġieba tista' tkun, u ġeneralment tkun, **ta' preġudizzju** għall-andament sewwa tal-ġudizzju u tista' tinfluwenza lix-xhieda li għad iridu jinstemgħu jew lill-ġurati, **fejn** il-proċessi ċivili jsiru bl-assistenza tal-ġurija;

**Jekk** hemm bżonn rafforzament ieħor **għall**-ħsieb fuq espress, jista' jiġi ċitat anki l-Gatley, li fl-opra tiegħu "On Libel and Slander in a Civil Action" jgħid, wara li jsostni bil-ħaqq li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, bħala materja ta' interess **publiku**, tista' tkun assoġġettata għal "fair and bona fide comment" wara li jispiċċa l-proċess b'sentenza :— "But any comment on such matters (proceedings at the trial, conduct and **decision** of the judge, verdict of the jury, conduct of magis-

trates in dismissing a charge without hearing the whole evidence, or committing a prisoner for trial on insufficient evidence and evidence of witnesses given on oath in a public Court of Justice or before a Parliamentary Committee), pending or during the trial, is, if it tends either to create a bias in the public mind against the parties, or to influence the witnesses or jurors who may be called, or in any other way prejudice the fair trial of the action, a contempt of Court and punishable as such with fine or imprisonment, etc." (ara paġ. 394 u 395);

L-Odgers ukoll anzi (On Libel and Slander, paġ. 441), "Contempt of Court by newspapers) jgħid, għad-diretturi u edituri tal-gurnali :— "Any comment pending action is a contempt of Court, by whomsoever made; it is especially so where the publisher knows that the comment is applied by one of the litigants or his solicitor" — liema ħsieb jirrafforza kemm huwa l-istess fatt anki ndubbjament reat għall-artikolista li jkun parti fil-kawża;

Illi, kif jista' jidher mill-gurisprudenza reċenti, f'kawżi bħal dina in diskussjoni dejjem ġiet aċċettata d-dottrina Ingliża in materja, apparti minn dottrina oħra;

Illi, stabbiliti dawna l-prinċipji, jingħad illi fil-ħsieb tal-Qorti l-Onorevoli Dottor Enrico Mizzi biż-żewġ artikoli nkriminati kkommetta disprezz għall-awtorità tal-Qorti; il-għaliex (1) wara li għażel il-vija ġudizjzarja, fejn kien ikollu l-aġju jirribatti kwalunkwe dikjarazzjoni avversa għalih, u waqt li l-proċess għadu miexi, anzi meta wieħed mill-konvenuti kien għadu ma spiċċax mix-xhieda tiegħu, ippubblika taħt ismu l-ewwel artikolu bit-titolu sensazzjonali "Il-kawża tiegħi kontra żewġ kalunnjaturi", li huwa per sè offensiv, u fejn wiegħed li sejjer ikompli jikteb, kif fil-fatt għamel b'titolu ieħor altrettanti sensazzjonali "Konfutazzjoni ta' xhieda", fejn intqalu affarijiet li huma ta' preġudizzju kontra l-imsemmi Cossai, li kontra tiegħu huwa miexi wkoll il-proċess l-ieħor, kif ukoll għall-andament sewwa tal-proċess l-ieħor; (2) f'dawk l-istess artikoli kkwalifika b'aġġettivazzjoni li timporta lavoriju jew xogħol talmoħħ, fejn ix-xhieda ta' Cossai hija kwalifikata ridikola u falza, u fejn l-affermazzjonijiet tax-xhud Cossai huma kwalifikati bħala malinji u li jikkontjenu tagħwiġ tal-fattijiet, barra mill-espressjoni li Cossai huwa tifel ta' taljan li ċaħad iċ-ċittadinan-

za tiegħu, u fil-fatt dikjarat li Cossai, meta resaq quddiem il-membri ta' ċerta kummissjoni, kien gidbilhom, jew żelaq mill-mistoqsijiet tagħhom b'gidba, kif l-artikolista jgħid li l-istess Cossai wara stqarr miegħu, u dana wara li fl-ewwel artikolu l-artikolista msemmi kien qal li sejjer jirrelata l-fattijiet bla ebda kommenti — fattijiet u espressjonijiet li ndubbjament huma ta' preġudizzju għall-istess Cossai u għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja, peress li f'kawżi bħal dik imsemmija jista' jidħol, u forsi jkollu piż, ir-rifless tal-karattru tal-persuni implikati, apparti l-effett li jista' jkollu dak il-fatt fuq ix-xhieda li eventwalment jista' jġib l-istess Cossai biex jipprova l-verità tal-fattijiet avversi għall-attur f'dik l-istess kawża; (3) mit-tenur ġenerali ta' l-istess artikolu jidher ċar li l-artikolista ma riedx biss jirrelata fattijiet nudi u krudi, imma għamel difiża bi kwalifiki ta' fattijiet li fosthom x'uħud ma kellhom x'jaqsmu xejn max-xhieda li kien qiegħed jagħti l-istess Cossai li l-kondotta tiegħu ġiet kwalifikata bħala abbjetta u viljakka, u li ma ġewx imsemmija mix-xhud, b'mod li l-artikolista ġie jantiċipa dak li seta' jagħmel fil-kawża u joħroġ minn taħt il-ġustizzja li bl-istituzzjoni tal-proċess kien qiegħed ruħu taħt idejha;

Illi kwindi b'dana l-aġir l-imsemmi Onorevoli Dottor Mizzi huwa ħati ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti;

Illi l-imħarrek, meta xehed quddiem dina l-Qorti, iddikjara solennement li huwa għandu l-akbar rispett għall-Qorti, u li meta kiteb l-artikolu kien jaħseb li huwa fid-dritt li jagħmel dak li għamel; u jekk dana ma jħassarx il-fatt ta' disprezz, però wera li jimmerita konsiderazzjoni fil-piena;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Dr. Enrico Mizzi, li bih appella quddiem dina l-Qorti minn dik is-sentenza, u talab ir-revoka tagħha u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi* l-fatti li taw lok għal dina l-kawża jinsabu rikapitolati sewwa u biżżejjed fis-sentenza appellata, u ma għandhomx għalfejn jerġgħu jiġu mtennija f'din is-sentenza. L-imħarrek isostni li skond il-Liġi tal-Proċedura Ċivili, il-komment ostili

li huwa pubblika kontra ż-żewġ konvenuti tal-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u fuq ix-xhieda li ta f'dik il-kawża l-konvenut Cossai, ma jikkostitwixxix disprezz għall-awtorità tal-Qorti fis-sens ta' l-art. 996 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi l-art. 996 fuq imsemmi jgħid — "Għal kull għemil jew nuqqas mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, u illi jikkostitwixxu disprezz tal-Qorti, tiġi, mill-Imħallef jew Maġistrat, mogħtija l-piena ta' l-ammenda jew tal-multa, jew tad-detenzjoni". Dak l-artikolu għandu applikazzjoni estensiva, għax jolqot dawk il-każi kollha li fid-dottrina huma magħrufa bħala disprezz għall-awtorità tal-Qorti; u b'mod partikulari jolqot dak kollu li, għalkemm mhux kontemplat speċifikatament fl-artikoli l-oħra relativi għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti, ifixkel, jew jista' b'xi mod ifixkel, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Illi b'deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 1908, fuq rikors ta' Grazio Tanti, u fil-pendenza tal-proċedura tal-fall'ment ta' dak Grazio Tanti, il-Qorti tal-Kummerċ kellha okkażjoni tapplika dak l-art. 996, li allura kien l-art. 1013 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, għall-każ ta' kommenti ostili f'ġurnal da parti ta' Carmelo Lanzon u Giuseppe Cumbo kontra dak Tanti; u qalet :— "Atteso che è evidente che gli articoli in quistione tendono a commentare sfavorevolmente la condotta di esso fallito Tanti, e di pregiudicare, se possibile, la sua difesa, creando un pregiudizio ossia una prevenzione contro esso Tanti, tanto per ciò che concerne le cause del suo fallimento, quanto per ciò che concerne l'entità di un credito reclamato da esso Lanzon e contrastato da esso Tanti. Atteso che è principio ricevuto dalla dottrina e dalla pratica dei più accreditati tribunali, che è un grave disprezzo della autorità della Corte 'to prejudice mankind against persons before the cause is heard'; e mentre l'articolo 1010 è inteso a reprimere le ingiurie e le offese nelle scritture, l'articolo 1013 Leggi di Procedura è inteso a reprimere il disprezzo dell'autorità della Corte che non fosse di semplice polizia dell'udienza o commesso con scritture presentate alla Corte stessa";

Illi l-istess prinċipji żvolti f'dik id-deċiżjoni fuq imsemmija huma applikabili għall-każ ta' l-imħarrek; għax jekk il-

kommenti ostili tiegħu ma jistgħux jinfluwixxu fuq il-menti ta' l-Imħallef li jiġġudika l-kawża, għax l-Imħallef hu wisq superjuri għal dik ix-xorta ta' influwenza jew pressjoni, huwa wisq faċili li jinfluwixxu fuq ix-xhieda, billi jikkreaw impressjoni u atmosfera ħażina u ostili fihom; b'mod li jistgħu jisvijawhom, iqarrquhom, u jinduċuhom fl-errur, bi preġudizzju serju tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja; u b'hekk l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi mfixkla. Ma jistax ikun hemm dubju li b'dik ix-xorta ta' kommenti d-difiża tal-konvenuti fil-kawża, li in pendenza tagħha ġew publikati, tista' tkun notevolment preġudikata;

Illi huwa minnu li fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma hemm l-ebda dispożizzjoni bħall-art. 510 tal-Kodiċi Kriminali, u li taħt il-Kodiċi Kriminali l-liġi tikkontempla d-digriet tal-Qorti li jipprojbixxi l-publikazzjoni, sa ma l-kawża tispiċċa, ta' kitba dwar ir-reat jew il-persuna ta' l-imputat. Dak l-artikolu huwa komprensiv u lat ferm, u jabbraċċja anki l-publikazzjoni fidili tax-xhieda; iżda anki mingħajru, il-publikazzjoni ta' kommenti ostili in pendenza tal-kawża kienu jkunu, taħt l-art. 996, in forza tal-prinċipji ġenerali, disprezz għall-awtorità tal-Qorti, għax jippreġudikaw id-difiża ta' l-akkużat. Id-digriet, meta jsir, jolqot aktar 'il bogħod, u jikkostitwixxi twissija ġenerali biex tipprevjeni l-ostakoli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja:

Illi l-publikazzjoni fidili u mingħajr kommenti tax-xhieda mogħtija fil-kawża ċivili, in pendenza tal-kawża, u minħabba d-dewmien tal-kawża stess, tista' tkun ta' inkonvenjent serju għall-imħarrek, li ma jkunx jista' immedjatament jirrispondi bil-kommenti tiegħu qabel ma tinqata' l-kawża tiegħu ċivili. Iżda l-preġudizzju għad-difiża u l-ostakolu u tfixkil għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja huma inkonvenjent wisq aktar serju, li jolqot l-ordni publiku u jegħleb l-inkonvenjent privat li tal-volta jista' jsofri l-imħarrek. Barra minn dana, "adducere inconveniens non est solvere argumentum";

Illi għaldaqstant dina l-Qorti ma ssibx x'tiċċensura fis-sentenza appellata;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma mħaddna minn dina l-Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imħarrek u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tordna li t-terminu mogħti fis-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.